MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1413/2003

**Maresco (Trading) Ltd**

**vs**

**Adrian Bajada**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Lulju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm410) rapprezentanti servizzi u merkanzija rezi lill-konvenut u kkonsenjati mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenut stess, u dan kif jidher mill-fattura numru 005690, annessa bhala Dokument A.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxjiet kummercjali, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**L-ispejjez jinkludu dawk ta' l-ittra bonarja datata 1 ta' April, 2003 u ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Mejju,2003.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fl-14 ta' Novembru, 2003 fejn intqal :**

**1. Illi in linea preliminari, t-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol imsemmi ma sarx skond is-sengha u l-arti, tant li xi apparat kellu jinbidel u l-installazzjoni li saret kellha tinqala' u ssir mill-gdid, kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;**

**3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-somma reklamata mis-socjeta' attrici hija in kwantu xogholijiet li kellu jigu rezi u ezegwiti perfettament; pero' in vista tac-cirkostanzi u kif ukoll mill-kontro-talba annessa dan ma kienx il-kaz u ghalhekk din it-talba ma tistax tigi milqugha, u dan skond il-gurisprudenza prevalenti nostrana;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Illi saret ukoll kontro-talba mill-konvenut fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmenin lira Maltija (Lm580) rapprezentanti valur ta' kumpressur li kellu jinbidel minhabba x-xoghol difettuz li kienu wettqu l-impjegati tas-socjeta' Maresco Trading Limited, flimkien ma' filtru u servizz ta' mili ta' gass u servizz ta' installazzjoni u riparazzjoni skond il-fattura annessa u markata dok EB.**

**Illi b'risposta ghal kontro-talba prezentata fil-25 ta' Novembru,2003 gie eccepiet illi:**

**1. Preliminarjament il-kontro-talba hija preskritta si ai termini tal-artikolu 1431 u 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal li jiehu konjizzjoni tal-Kontro-Talba a tenur tal-artikolu 7 (2) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**3. Fil-meritu u minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-merkanzija konsenjata hija difettuza izda hija idonea u tajba u s-servizzi rezi kienu dejjem ezegwiti minn nies professjonali u saru skond is-sengha u l-arti u kif del resto mitluba mill-istess Adrian Bajada.**
**4. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-istess Adrian Bajada.**

**Semgha lill-partijiet u lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-punt dwar l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tat-Tribunal sollevata mis-socjeta' attrici fir-risposta taghha ghal kontro-talba.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kontro-talba qed issir ghal ammont specifiku ta' hames mija u tmenin lira (Lm580) ammont li jirrapprezenta kompressur li kellu jinbidel u xoghol difettuz esegwit.**
**2. Illi tali kontro-talba taqa' fil-parametri ta' dak li ghalih jista' jiehu konjizzjoni tieghu dan it-Tribunal in kwantu t-talba hija fi-fatt ghal somma ta' flus kif previst fl-artikolu 7 (2) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mis-socjeta' attrici u jordna l-prosegwiment fil-meritu.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------